# Xi Ċentinarji u Anniversarji li jaħbtu fl-2012 ta' interess għal Ħal Balzan

Guido Lanfranco

## 1662 (350 sena ilu)

***Fil-31 ta' Jannar 1662*** miet l-ewwel kappillan ta' Ħal Balzan, Adriano Zarb (minn Birkirkara). Kien ħa l-pussess fil-31 ta' Awwissu 1655. Kellu ħuh Giovanni Battista Kurat ta' Birkirkara.[1]

***Fis-26 ta' Ġunju 1662*** – Saret Viżta Pastorali mill-Isqof Balaguer permezz tal-Vigarju tiegħu. Instab li fil-parroċċa kien hemm iservu 8 qassisin, suddjaknu u żewġ kjeriċi miżżewġin (meta l-popolazzjoni tar-raħal kienet xi 550). Ta' min jgħid li l-kjeriċi kienu persuni li jilbsu, jaqdu u jakkumpanjaw bħal qassisin iżda mhux ordnati saċerdoti. Sakemm telqet minn Malta l-Ordni ta' San Ġwann kien hawn ħafna minnhom biex ikunu taħt il-ħarsien tal-Isqof u jiskartaw taxxi, lieva u dmirijiet u obbligi oħra tal-gvern ċivili tal-Ordni. Kien hemm minnhom adulti miżżewġin kif ukoll tfal subien. Instab ukoll li kien jitqassam ikel lill-foqra u dawk preżenti fil-festa ta' Sant'Anna. Dan it-tqassim jew żerda kien drawwa komuni u mifruxa tista' tgħid fil-festi kollha sal-ewwel kwart tas-seklu għoxrin, ġeneralment finanzjati minn legati u donazzjonijiet ta' benefatturi. Madankollu f'din il-Viżta Pastorali ġie projbit li jitqassam ikel imma minflok issir għotja ta' karità.[2]

***Fl-20 ta' Diċembru 1662*** – Domenico Ellul minn Ħal Kirkop inħatar kappillan għal Ħal Balzan. Fl-1663 daħal sewwa għax-xogħol biex tinbena knisja ġdida. Miet fil-11 ta' Lulju 1696 wara 34 sena parrokat.[3]

## 1712 (300 sena ilu)

***Fis-17 ta'Marzu 1712*** – Miet it-tielet kappillan Mario Calleja ta' 85 sena. Kien ħa l-pussess fl-1696. Mario Tonna ntgħażel Vigarju Kurat sakemm sar kappillan. ***Fil-5 ta'Ottubru 1712*** ħa l-pussess Mario Tonna li kien twieled f'Ħal Balzan fl-1671. Sar ħafna xogħol fil-knisja matul il-parrokat tiegħu.[4]

## 1912 (100 sena ilu)

F'din is-sena l-*Boarding School* li kellhom is-sorijiet tal-Bon Pastur ngħalqet għax kien fetaħ kulleġġ f'San Ġiljan. Dawn is-sorijiet kienu ġew fl-1858 u organizzaw ruħhom f'Ħal Lija imma fl-1870 tlesta l-kunvent f'Ħal Balzan wara li diġà kienu fetħu l-*boarding school* (ara wkoll 1952).[5]

## 1937 (75 sena ilu)

F'din is-sena, Villa Macedonia rebħet il-Premju għall-Arkitettura. Fl-1935 il-gvern kien stabbilixxa





konkors Premju Għall-Arkitettura u ngħata l-premju kull sena mill-1936 sal-1939. Fl-1937 il-ġurija kienet għamlet għażla ta' ftit opri konkorrenti u fl-aħħar iddeċidiet tagħti l-premju għal Villa Macedonia ta' Ħal Balzan (li żmien wara saret is-sede tal-ambaxxatur ta' Spanja). Billi wara l-1939 dħalna fit-Tieni Gwerra Dinjija ħadd ma ħaseb aktar biex dan il-premju jitkompla.[6]

F'din l-istess sena ġie ffurmat il-*Balzan Youths Football Club*. Dan sar prinċipalment bl-isforzi ta' Manwel Brincat. Kellhom is-sede f'numru 1 Triq Santu Rokku. Il-pittur Ramiro Calì ħadem l-inkwatru ta' San Ġużepp għall-altar tal-istess qaddis.[7]

## 1952 (60 sena ilu)

***Fit-8 ta' Marzu 1952*** – Saret il-konsagrazzjoni tal-knisja l-ġdida tal-Bon Pastur. L-ewwel ġebla tqiegħdet fl-1898 u l-bini tlesta fl-1901. Il-Perit kien Vincenzo Busuttil (ara wkoll 1912).[8]

***Fit-23 ta' Marzu 1952*** – Sar l-ewwel programm pubbliku mill-Każin tal-Banda San Gabriel. Fl-1920 kien fetaħ bħala l-Każin *Circolo San Gabriele* li beda jieħu ħsieb armar u dwal għall-festa u attivitajiet oħra. Fl-1951, Gabriel Caruana issuġġerixxa li ssir il-banda u fis-sena ta' wara għamlet l-ewwel programm pubbliku.[9]


G. Caruana


Alfred Brincat


Abraham Muscat


Joseph Felice

**Il-membri tad-Delegazzjoni / Kummissjoni Banda li twaqqfet mill-Kumitat biex jieħu ħsieb l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Banda, inkluż ir-Rendikont Finanzjarju.**

## 1962 (50 sena ilu)

***Fis-6 ta' Mejju 1962*** – Ġiet inawgurata u tbierket is-Sala Parrokkjali *Aurora*. L-ewwel ġebla tqiegħdet fl-1956 u s-sala tlestiet u nfetħet fl-1962. Saret ċentru ta' attivitajiet ta' kull xorta bħal drama, taħditiet, konferenzi, films u aktar.[10]




***Fl-1 ta' Settembru 1962*** – Il-fratellanza tad-Duluri ħadet l-ewwel darba sehem fil-proċessjoni tad-Duluri. Billi ma kienx hemm altar għaliha ttieħed dak ta' San Ġwakkin għall-altar u l-fratellanza. Emvin Cremona pinġa t-titular li tbierek fit-22 ta' Mejju 1959 meta wkoll twaqqfet il-fratellanza.[11]

## 1987 (25 sena ilu)

F'din is-sena kienu bdew jinżammu rekords tat-temperatura u t-temp mill-*Malta Weather Services* li kien stazzjonat f'Ħal Balzan.[12]

Ukoll f'din is-sena sfortunatament wasal biex jispiċċa l-bini u l-ġnien tas-seklu tmintax ta' Villino Balbir. It-twaqqigħ kien diġà beda fl-1986 imma d-Dipartiment tal-Mużewijiet waqqaf ix-xogħol. Saru ħafna protesti b'kull mezz minn għaqdiet kulturali u wkoll laqgħa fis-sede ta' Din l-Art Ħelwa, imma d-destin jidher li diġà kien miktub għax it-twaqqigħ malajr kompla u fuq il-post inbena supermarket; baqgħet biss in-niċċa ta' Santu Rokku.[13]

**Referenzi:**


[1] Achille Ferres, *Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo* (1866), 511.

[2] Ġwann Dimech, *Ħal Balzan, Ġrajjietu sal-1999* (2004), 24, 26, 56, 170.

[3] Tony Terribile, *Teżori fil-Knejjes Maltin: Ħ'Attard, Ħal Balzan, Ħal Lija* (2003), 28; Dimech, 170.

[4] Ferres, 511; Dimech, 174.

[5] Alfie Guillaumier, *Bliet u Rħula Maltin* (1987), 37.

[6] George E. Camilleri *The Architecture Award 1936-1939* fit-*Treasures of Malta* Nru 45, (2009), 27.

[7] Dimech, 210, 456.

[8] Dimech, 284.

[9] Guido Borg, "Każin tal-Banda San Gabriel", *Heritage*, 337 u Michael Schiavone *L-Istorja tal-Każini tal-Baned I* (1997), 206; Joseph Grech *Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex* (2001), 113.

[10] Carmel Bezzina, *Heritage* Nru 17, 337; Guillaumier (edizzjoni 2002), 29.

[11] Dimech, 255.

[12] *The Times*, 18.02.2008, 16.

[13] Dimech, 379.